

32001R0995

23.5.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 139/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 995/2001**tat-22 ta' Mejju 2001**

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2516/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimmodifika l-prinċipji komuni tas-sistema Ewropea tal-kontabilità nazżjonali u reġjonali fil-Komunità (ESA 95) dwar it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontabilità nazżjonali u reġjonali fil-Komunità (ESA 95) ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2516/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 2(2) u 3(2) tagħhom,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2516/2000 li jimmodifika l-prinċipji komuni ta' l-ESA 95 fejn jikkonċerna t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Filwaqt li:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 2223/96 dwar l-ESA 95 jikkontjeni il-qafas ta' riferenza ta' livelli, definizzjonijiet, klassifikazzjonijiet u r-regoli tal-kontabilità komuni għat-tfassil tal-kontijiet ta' l-Istati Membri għall-ħtiġijiet statistiċi tal-Komunità, sabiex jiġu miksuba riżultati paragonabbli bejn l-Istati Membri.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 2516/2000 jassigura l-paragnabbiltà u t-trasparenza bejn l-Istati Membri fl-irreġstrar tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali fl-ESA 95 għall-proċedura tad-defiċit eċċessiv. Is-self nett tal-gvern ġenerali m'għandux jinkludi l-ammonti tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali li x'aktarx ma jiġux miġbura.
- (3) Għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2516/2000 u fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tiegħu, il-Kummissjoni għandha tintroduċi fit-test ta' l-Anness A mar-Regolament (KE) Nru 2223/96 it-tibdiliet meħtieġa.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Mejju 2001.

Għall-Kummissjoni
Pedro SOLBES MIRA
Membri tal-Kummissjoni

- (4) L-Artikoli 2(2) u 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 2223/96 jipprovdu għall-kondizzjonijiet li taħthom il-Kummissjoni tista' tadotta emendi għall-ESA 95, b'mod partikolari t-tibdiliet meħtieġa fl-Anness B mar-Regolament imsemmi hawn fuq.
- (5) Il-Kumitat għall-Istatistiċi Monetarji, Finanzjarji u tal-Bilanċ tal-Pagamenti (CMFB), stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/115/KEE ⁽³⁾, emendat mid-Deċiżjoni 96/174/KE ⁽⁴⁾, ġie kkonsultat.
- (6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiki (SPC), imwaqqaf mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, *Euratom* ⁽⁵⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi A u B mar-Regolament (KE) Nru 2223/96 għandhom jiġu emendati skond l-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament m'għandux japplika matul il-perjodu transizzjoni li jista' jiġi mogħti lill-Istati Membri skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 2516/2000.

⁽¹⁾ ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 290, tas-17.11.2000, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 59, tas-6.3.1991, p. 19.

⁽⁴⁾ ĠU L 51, ta' l-1.3.1996, p. 48.

⁽⁵⁾ ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

L-ANNEX

EMENDI GĦALL-ANNEX A MAR-REGOLAMENT (KE) Nru 2223/96

1.57

	<p><i>Inserixxi wara “Madankollu, fxi każijiet ... li jintużaw approssimazzjonijiet.”</i></p> <p>“Addizzjonali għal din il-flessibilità fejn għandu x’jaqsam il-ħin ta’ reġistrazzjoni, kien neċessarju għal raġunijiet prattiċi marbuta mal-proċedura eċċessiva tad-defiċit li tiġi ddefinita reġistrazzjoni partikolari tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali li għandhom jitħallsu lis-settur tal-gvern, sabiex is-self/tisliif nett tal-gvern ġenerali (u tas-setturi ta’ kontraparti) ma jinkludux ammonti tat-taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali li x’aktarx ma jinġabru. B’deroga għall-prinċipju ġenerali ta’ reġistrazzjoni ta’ operazzjonijiet, it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali li għandhom jitħallsu lill-gvern ġenerali jistgħu jew jiġu rreġistrati nett tal-parti li x’aktarx ma tinġabarx jew, jekk din il-parti hi inkluża, għandha tiġi newtralizzata fl-istess perjodu ta’ kontabilità mit-transfer kapitali mill-gvern ġenerali għas-setturi rilevanti.”</p>
--	--

3.48

	<p><i>Inserixxi d-definizzjoni tal-prezz bażiku ta’ referenza fil-punt 4.27:</i></p> <p>“Il-prezz bażiku huwa l-prezz riċevut mill-produtturi mix-xerrej għal unità ta’ oġġett jew servizz prodott bħala output inqas xi taxxa li għandha titħallas (ara l-punt 4.27) fuq dik l-unità bħala konsegwenza tal-produzzjoni jew il-bejgħ tagħha (jiġifieri taxxi fuq il-prodott), kif ukoll xi sussidji mirċieva fuq dik l-unità bħala konsegwenza tal-produzzjoni jew il-bejgħ tagħha (jiġifieri sussidji fuq il-prodott).”</p>
--	--

4.17

	<p><i>Inserixxi fl-aħħar sentenza referenza għall-punt 4.27:</i></p> <p>“Għall-ekonomija totali, il-VAT huwa ekwivalenti għad-differenza bejn it-total tal-VAT <i>invoiced</i> u t-total tal-VAT li għandu jitnaqqas (ara l-punt 4.27).”</p>
--	--

4.27

<p><i>Ħassar:</i></p> <p>“It-Taxxi evidenzjati minn stimi tat-taxxi imma li qatt m’huma mħallsa per eżempju, minħabba l-falliment) huma trattati bħallikieku ġew imħallsa; hemm żewġ eventwalitajiet:</p> <p>(a) <i>writing-off</i> ta’ dejn ħażin mill-gvern, li jagħraf li t-talba tiegħu ma tistax tkun miġbura; dan ir-<i>writing-off</i> huwa rreġistrat fil-bidliet l-oħrajn fil-kontijiet dwar il-volum ta’ l-assi tal-gvern u d-debitur <i>default</i>;</p> <p>(b) il-kanċellament tad-debitu bi ftehim reċiproku bejn il-gvern u d-debitur. Din il-kanċellazzjoni hija trattata bħala transfer kapitali mil-gvern lid-debitur fil-kont tal-kapital, b’estinzjoni simultanja ta’ talba fil-kont finanzjarju.”</p>	<p><i>Issostitwixxi b’:</i></p> <p>“It-Taxxi rreġistrati fil-kontijiet jistgħu ikunu derivati minn żewġ sorsi: ammonti evidenzjati minn stimi u dikjarazzjonijiet jew irċevuti ta’ flus.</p> <p>(a) Jekk l-istimi u d-dikjarazzjonijiet huma użati, l-ammonti għandhom jiġu aġġustati b’koeffiċjent li jirrifletti l-ammonti stmati u dikjarati qatt miġbura. Bħala trattament alternattiv, transfer kapitali, għas-setturi rilevanti jista’ jiġi rreġistrat ekwivalenti għall-istess aġġustament. Il-Koeffiċjenti għandhom jiġu stmati fuq il-bażi ta’ esperjenza mgħoddija u mistennijiet kurrenti fejn għandhom x’jaqsmu ammonti stmati u dikjarati qatt miġbura. Għandhom ikunu speċifiċi għal tipi differenti ta’ taxxi.</p> <p>(b) Jekk huma użati irċevuti ta’ flus, għandhom ikunu aġġustati fil-ħin sabiex il-flus huma attribwiti meta l-attività seħħet sabiex tiġġenera l-passiv tat-taxxa. Dan l-aġġustament jista’ jkun ibbażat fuq id-differenza fil-ħin medju bejn l-attività u l-irċevuta tat-taxxa tal-flus.”</p>
---	---

4.82

Ħassar:

“Taxxi evidenzjati minn stimi tat-taxxi imma li qatt m'huma mħallsa (per eżempju, minħabba falliment) huma trattati daqs li kieku kienu mħallsa; hemm żewġ eventwalitajiet:

- (a) *writing-off* ta' dejn ħażin mill-gvern, li jagħraf li t-talba tiegħu ma tistax tkun miġbura; dan ir-*writing-off* huwa rreġistrat fil-bidliet l-oħrajn fil-kontijiet dwar il-volum ta' l-assi tal-gvern u d-debitur li ma jħallasx;
- (b) il-kkanċellament tad-debitu bi ftehim reċiproku bejn il-gvern u d-debitur. Din il-kanċellazzjoni hija trattata bħala transfer kapitali mil-gvern lid-debitur fil-kont tal-kapital, b'estinsjoni simultaneja ta' talba fil-kont finanzjarju.”

Issostitwixxi b':

“It-Taxxi rreġistrati fil-kontijiet jistgħu ikunu derivati minn żewġ sorsi: ammonti evidenzjati minn stimi u dikjarazzjonijiet jew irċevuti ta' flus.

- (a) Jekk l-istimi u d-dikjarazzjonijiet huma użati, l-ammonti għandhom jiġu aġġustati b'koeffiċjent li jirrifletti l-ammonti stmata u dikjarati qatt miġbura. Bħala trattament alternattiv, transfer kapitali, għas-setturi rilevanti jista' jiġi rreġistrat ekwivalenti għall-istess aġġustament. Il-Koeffiċjenti għandhom jiġu stmata fuq il-bażi ta' esperjenza mgħoddija u mistennijiet kurrenti fejn għandhom x'jaqsmu ammonti stmata u dikjarati qatt miġbura. Għandhom ikunu speċifiċi għal tipi differenti ta' taxxi.
- (b) Jekk huma użati rċevuti ta' flus, għandhom ikunu aġġustati fil-ħin sabiex il-flus huma attribwiti meta l-attivitajiet, l-operazzjonijiet jew ġrajjiet oħrajn seħew sabiex jiġġeneraw il-passiv tat-taxxa (jew meta l-ammont tat-taxxa kien iddeterminat, fil-każ ta' xi taxxi fuq id-dħul). Dan l-aġġustament jista' jkun ibbażat fuq id-differenza medja fil-ħin bejn l-attivitajiet, l-operazzjonijiet jew każijiet oħrajn (jew id-determinazzjoni ta' l-ammont tat-taxxa) u l-irċevuta tat-taxxa tal-flus.

Meta miżmuma fis-sors minn min jimpjega, it-taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid, eċċ, għandhom jiġu inklużi fil-pagi u s-salarji anke jekk min jimpjega infatti ma għaddihomx lill-gvern ġenerali. Is-settur tal-familji mbagħad jidher li jħallas l-ammont sħiħ lis-settur tal-gvern ġenerali. L-ammonti infatti mhux imħallsa jridu jkunu newtralizzati taħt D.995 bħala transfer kapitali mill-gvern ġenerali lis-setturi ta' min jimpjega.”

4.96

Inserixxi fl-aħħar tal-paragrafu:

“Il-Kontribuzzjonijiet soċjali li għandhom jitħallsu lis-settur tal-gvern ġenerali rreġistrati fil-kontijiet jistgħu jiġu derivati minn żewġ sorsi: ammonti evidenzjati minn stimi u dikjarazzjonijiet jew irċevuti ta' flus.

- (a) Jekk l-istimi u d-dikjarazzjonijiet huma użati, l-ammonti għandhom jiġu aġġustati b'koeffiċjent li jirrifletti l-ammonti stmata u dikjarati qatt miġbura. Bħala trattament alternattiv, transfer kapitali, għas-setturi rilevanti jista' jiġi rreġistrat ekwivalenti għall-istess aġġustament. Il-Koeffiċjenti għandhom jiġu stmata fuq il-bażi ta' esperjenza mgħoddija u mistennijiet kurrenti fejn għandhom x'jaqsmu ammonti stmata u dikjarati qatt miġbura. Għandhom ikunu speċifiċi għal tipi differenti ta' kontribuzzjonijiet soċjali.
- (b) Jekk huma użati rċevuti ta' flus, għandhom ikunu aġġustati fil-ħin sabiex il-flus huma attribwiti meta l-attività seħħet sabiex tiġġenera l-passivi tal-kontribuzzjoni soċjali (jew meta hu maħluq l-passiv). Dan l-aġġustament jista' jkun ibbażat fuq id-differenza fil-ħin medju bejn l-attività (jew il-ħolqien tal-passiv) u l-irċevuta tal-flus.

Meta miżmuma fis-sors minn min jimpjega, il-kontribuzzjonijiet soċjali li għandhom jitħallsu lis-settur tal-gvern ġenerali għandhom jiġu inklużi fil-pagi u s-salarji anke jekk min jimpjega infatti m'għaddihomx lill-gvern ġenerali. Is-settur tal-familji mbagħad jidher li jħallas l-ammont sħiħ lis-settur tal-gvern ġenerali. L-ammonti infatti mhux imħallsa għandhom ikunu newtralizzati taħt D.995 bħala transfer kapitali mill-gvern ġenerali lis-setturi ta' min jimpjega.”

4.150

Ħassar il-paragrafu 4.150:

"Il-Ħin tar-reġistrazzjoni: it-taxxi kapitali huma mniżżla fil-ħin meta l-passivi tat-taxxi jitqajjmu."

Issostitwixxi b'paragrafu ġdid: 4.150:

"It-Taxxi rreġstrati fil-kontijiet jistgħu ikunu derivati minn żewġ sorsi: ammonti evidenzjati minn stimi u dikjarazzjonijiet jew irċevuti ta' flus.

- (a) Jekk l-istimi u d-dikjarazzjonijiet huma użati, l-ammonti għandhom jiġu aġġustati b'koeffiċjent li jirrifletti l-ammonti stmati u dikjarati qatt miġbura. Bħala trattament alternattiv, transfer kapitali, għas-setturi rilevanti jista' jiġi rreġistrat ekwivalenti għall-istess aġġustament. Il-Koeffiċjenti għandhom jiġu stmati fuq il-bażi ta' esperjenza mgħoddija u mistennijiet kurrenti fejn għandhom x'jaqsmu ammonti stmati u dikjarati qatt miġbura. Għandhom ikunu speċifiċi għal tipi differenti ta' taxxi.
- (b) Jekk huma użati rċevuti ta' flus, għandhom ikunu aġġustati fil-ħin sabiex il-flus huma attribwiti meta l-attività seħħet sabiex tiġġenera l-passivi tat-taxxa (jew meta l-ammont tat-taxxa kien iddeterminat). Dan l-aġġustament jista' jkun ibbażat fuq id-differenza medja fil-ħin bejn l-attività (jew id-determinazzjoni ta' l-ammont tat-taxxa) u l-irċevuta tat-taxxa tal-flus."

4.165

Żid fl-aħħar ta' l-ewwel sentenza tal-parti (f) referenza għall-parti l-ġdida (j):

"– ħlief il-każ partikolari ta' taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali li għandhom jitħallsu lis-settur tal-gvern ġenerali (ara 4.165 (j))."

Inserixxi fl-aħħar tal-punt:

"(j) Meta t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali li għandhom jitħallsu lis-settur tal-gvern ġenerali huma rreġistrati fuq il-bażi ta' stimi u dikjarazzjonijiet, il-parti li x'aktarx ma tinġabarx għandha tiġi newtralizzata fl-istess perjodu tal-kontijiet. Dan jista' jsir 'b'transfer kapitali ieħor' (D.99), fil-linja speċifika D.995, bejn il-gvern ġenerali u s-setturi rilevanti. Dan il-flow D.995 għandu jiġi subdiviż skond il-kodifikazzjoni tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali differenti kkonċernati."

5.129

Inserixxi fl-aħħar tal-paragrafu:

"L-ammonti tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali li għandhom jitħallsu lill-gvern ġenerali li għandhom jiġu inklużi taħt AF.79 m'għandhomx jinkludu l-parti ta' dawn it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali li x'aktarx ma tinġabarx u li għalhekk tirrappreżenta pretensjoni tal-gvern ġenerali li m'għandha ebda valur reali."

6.27

Inserixxi fl-aħħar tal-punt (d):

"B'deroga mill-prinċipju ġenerali, din l-intestatura ma tinkludix taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali li għandhom jitħallsu lil-gvern ġenerali li l-gvern ġenerali jagħraf unilaterment bħala li x'aktarx ma jiġabrux. It-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali li għandhom jitħallsu lill-gvern ġenerali u li x'aktarx ma jiġabrux huma, fl-istess perjodu tal-kontabilità li ġġenera l-passiv, newtralizzati fil-kalkolu tas-self/it-tisliif nett tas-settur tal-gvern ġenerali u tas-setturi kontraparti (ara l-punt 1.57)."

7.61

	<p><i>Inserixxi fl-aħħar tal-paragrafu:</i></p> <p>“L-ammonti tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali li għandhom jitħallsu lill-gvern ġenerali li għandhom jiġu inklużi taħt AF.79 m'għandhomx jinkludu l-parti ta' dawn it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali li x'aktarx ma tinġabarx u li għallhekk tirrappreżenta talba tal-gvern ġenerali li m'għandha ebda valur reali.”</p>
--	--

9.47

<p><i>Ħassar l-ewwel sentenza:</i></p> <p>“It-Taxxi u s-sussidji fuq il-prodotti huma l-ammonti dovuti għall-pagament biss meta evidenzjati minn stimi tat-taxxi, dikjarazzjonijiet, eċċ. jew l-ammonti infatti mħallsa (ara l-paragrafu 4.27).”</p> <p><i>Ħassar fil-punt (b)(2):</i></p> <p>“dan għandu jiġi mniżżel bħala bidla oħra fl-volum ta' l-assi u l-lijabilitajiet finanzjarja, jiġifieri mhux fit-tabella tal-fornitura u l-użu”.</p>	<p><i>Issostitwixxi l-ewwel sentenza b':</i></p> <p>“Il-metodu ta' reġistrazzjoni tat-taxxi u s-sussidji fuq il-prodotti hu definit fil-punti 4.27 u 4.40 rispettivament.”</p>
--	--

L-Anness IV II-Klassifikazzjonijiet u l-kontijiet

	<p><i>Ġewwa l-klassifika ta' l-operazzjonijiet u flows oħrajn, wara “D.99 – Transfers kapitali oħrajn”, il-lista li ġejja tal-kodiċi għandha tiżdied:</i></p> <p>D.995 Transfers kapitali mill-gvern ġenerali lis-setturi rilevanti li jirrappreżentaw it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux.</p> <p>D.99521 Taxxi fuq il-prodotti stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux</p> <p>D.99529 Taxxi oħrajn fuq il-produzzjoni stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux</p> <p>D.99551 Taxxi fuq id-dħul stmat imma li x'aktarx ma jinġabrux</p> <p>D.99559 Taxxi kurrenti oħrajn stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux</p> <p>D.9956111 Kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min jimpjega stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux.</p> <p>D.9956112 Kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' l-impjegati stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux.</p> <p>D.9956113 Kontribuzzjonijiet soċjali minn persuni li jaħdmu għal rashom u dawk mhux impjegati stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux.</p> <p>D.99591 Taxxi kapitali stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux.”</p>
--	--

EMENDI LILL-ANNEX B MAR-REGOLAMENT (KE) Nru 2223/96

Tabella 2: L-aggregati ewlenija tal-gvern ġenerali

	<p><i>Fl-aħħar tat-tabella il-kodiċi li ġej għandu jiżdied:</i></p> <p>“D.995 Transfers kapitali mill-gvern ġenerali lis-setturi rilevanti li jirrappreżentaw it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux.”</p>
--	--

Tabella 9: Irċevuti ddettaljati tat-taxxa skond is-settur

	<p><i>Fl-aħħar tat-tabella il-flow li ġej D.995 u s-subdiviżjonijiet tiegħu, mingħajr tqassim fsub-setturi li jirċievu, għandu jiżdied:</i></p> <p>“D.995 Transfers kapitali mill-gvern ġenerali lis-setturi rilevanti li jirrappreżentaw it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux</p> <p>D.99521 It-taxxi fuq il-prodotti stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux</p> <p>D.99529 Taxxi oħrajn fuq il-produzzjoni stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux</p> <p>D.99551 Taxxi fuq id-dħul stmat imma li x'aktarx ma jinġabrux</p> <p>D.99559 Taxxi kurrenti oħrajn stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux</p> <p>D.9956111 Il-kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min jimpjega stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux</p> <p>D.9956112 Il-kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' l-impjegati stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux</p> <p>D.9956113 Il-kontribuzzjonijiet soċjali minn persuni li jaħdmu għal rashom u daww mhux impjegati stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux</p> <p>D.99591 It-taxxi kapitali stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux</p> <p>$D.2 + D.5 + D.91 + D.611 - D.995$</p> <p>L-irċevuti totali mit-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali wara t-tnaqqis ta' l-ammonti stmati imma li x'aktarx ma jinġabrux.”</p>
--	---